

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-3 ta' Awwissu 2012

li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' bażi ġdida taċ-chewing gum bħala ingredjent ġdid tal-ikel skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tirrevoka d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/882/UE

(notifikata bid-dokument numru C(2012) 5406)

(It-test Inġliż biss huwa awtentiku)

(2012/461/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 1997 dwar l-ikel il-ġdid u l-ingredjenti tal-ikel il-ġdid ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Billi:

- (1) Fl-10 ta' Ottubru 2007 l-kumpanija Revolymer Ltd. għamlet talba lill-awtoritajiet kompetenti tal-Pajjiżi l-Baxxi biex tqiegħed bażi ġdida taċ-chewing gum fis-suq bħala ingredjent ġdid tal-ikel.
- (2) Fit-23 ta' April 2009 l-entità kompetenti tal-valutazzjoni tal-ikel tal-Pajjiżi l-Baxxi ħarġet ir-rapport ta' valutazzjoni inizjali tagħha. F'dan ir-rapport, din waslet għall-konklużjoni li l-baży ġdida taċ-chewing gum tista' tintuża b'mod sikur bħala ingredjent għall-ikel.
- (3) Il-Kummissjoni baġtet ir-rapport ta' valutazzjoni inizjali lill-Istati Membri kollha fit-30 ta' April 2009.
- (4) Fi żmien il-perjodu ta' 60 jum stipulat fl-Artikolu 6(4) tar-Regolament (KE) Nru 258/97, tqajmu oġġezzjonijiet motivati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott skont dik id-dispożizzjoni.
- (5) Għalhekk l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (l-EFSA) ġiet ikkonsultata fit-2 ta' Lulju 2010.
- (6) Fil-25 ta' Marzu 2011, fis-"Scientific Opinion on the safety of a 'novel chewing gum base (REV-7)' as a novel food ingredient" (Opinjoni Xjentifika dwar is-sikurezza ta' 'baży ġdida taċ-chewing gum (REV-7)' bħala ingredjent ġdid tal-ikel) ⁽²⁾ l-EFSA waslet għall-konklużjoni li l-baży ġdida taċ-chewing gum, skont il-kundizzjonijiet proposti tal-użu u l-livelli proposti ta' konsum, kienet sikura.
- (7) Il-baży ġdida taċ-chewing gum tikkonforma mal-kriterji stipulati fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 258/97 u għaldaqstant id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/882/UE tal-21 ta' Diċembru 2011 li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' baży ġdida taċ-chewing

gum bħala ingredjent ġdid tal-ikel skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ ġiet adottata.

- (8) L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/882/UE pprevediet li l-ispeċifikazzjoni tal-baży ġdida taċ-chewing gum awtorizzata permezz tagħha fuq it-tikketta tal-ikel li fih minnha għandha tkun "baży ta' gomma (esteri ta' omopolimeru ta' 2-metil, 1,3-butadjen trattat b'maleat u ta' polietilenglikol monometil-etere)".
- (9) Madankollu, filwaqt li l-isem kimiku sħiħ jipprevedi deskrizzjoni ċara u mhux ambigwa tas-sustanza, it-tul tiegħu jista' jiddomina t-tikketta tal-ikel li fih minnha. Peress li ċ-chewing gum ta' sikwit jinbiegħ f'pakketti bi spazju limitat fil-wiċċ għat-tikketta, ikun xieraq li jkun hemm alternattiva iqsar għat-tikketta.
- (10) In-numri tar-reġistru (in-Nru CAS) tas-Servizz għall-Astratti Kimiċi (CAS) huma standard internazzjonali għad-deskrizzjoni tal-kimiċi, li jipprovdi informazzjoni ekwivalenti għal dak tal-isem kimiku f'dak li jikkonċerna n-natura tas-sustanza.
- (11) Għaldaqstant huwa xieraq li jitħalla jsir użu min-numru tar-reġistru CAS għad-deskrizzjoni tal-baży taċ-chewing gum ġdida awtorizzata permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/882/UE fuq it-tabella tal-ikel li jkun fih minnha bħala alternattiva tal-isem kimiku sħiħ tiegħu.
- (12) L-Anness seta' kkawża nuqqas ta' ftehim peress li fit-titlu tiegħu hu pprova biss parti mill-isem kimiku. Barra minn hekk, in-Numru CAS għandu jingħata fl-anness.
- (13) Għaldaqstant, jidher li hu xieraq li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/882/UE tiġi revokata u sostitwita b'Deċiżjoni ġdida bil-modifiki msemmija hawn fuq.
- (14) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-baży ġdida taċ-chewing gum, kif speċifikat fl-Anness, tista' titqiegħed fis-suq fl-Unjoni bħala ingredjent ġdid tal-ikel biex tintuża fiċ-chewing gum sa massimu ta' 8 %.

⁽¹⁾ ĠU L 43, 14.2.1997, p. 1.⁽²⁾ EFSA Journal 2011;9(4):2127.⁽³⁾ ĠU L 343, 23.12.2011, p. 121.

Artikolu 2

Id-deskrizzjoni tal-bażi ġdida taċ-chewing gum awtorizzata permezz ta' din id-Deċiżjoni fuq it-tikketta tal-ikel li fiha minnha għandha tkun "bażi ta' gomma (li tinkludi esterji ta' omopolimeru ta' 2-metil, 1,3-butadien trattat b'maleat u ta' polietilenglikol monometil-eteri)" jew "bażi ta' gomma (inkluż in-Nru CAS: 1246080-53-4)".

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/882/UE hija b'dan irrevokata.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil Revolymer Ltd., 1, NewTech Square, Deeside Industrial Park, Deeside, Flintshire, CH5 2NT, United Kingdom.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Awwissu 2012.

Għall-Kummissjoni
John DALLI
Membri tal-Kummissjoni


ANNEX

Speċifikazzjonijiet tal-bażi ġdida taċ-chewing gum*Id-deskrizzjoni*

L-ingredjent ġdid tal-ikel huwa polimeru sintetiku (In-numru tal-privattiva WO2006016179). Hu ta' kulur abjad li jagħti fl-off-white.

Jikkonsisti f'polimeri bi friegħi ta' glikol tal-monometossipolietilen (MPEG) ittrapjantanti fuq poliisopren-graft-anidrid malejku (PIG-g-MA), u ta' MPEG li ma jkunx irreaġixxa (inqas minn 35 % f'dak li hu piż).

Nru tal-CAS 1246080-53-4

Struttura molekulari tal-PIP-g-MA ttrapjantat bl-MPEG

Karatteristiċi ta' esterji ta' omopolimeru ta' 2-metil, 1,3-butadien trattat b'maleat u ta' polietilenglikol monometil-etere/
Nru CAS: 1246080-53-4

Umdità	inqas minn 5 %
Aluminju	inqas minn 3 mg/kg
Litju	inqas minn 0,5 mg/kg
Nikel	inqas minn 0,5 mg/kg
Anidride residwali	inqas minn 15 µmol/g
Indiċi tal-polidispersità	inqas minn 1,4
Isoprene	inqas minn 0,05 mg/kg
Ossidu tal-etilen	inqas minn 0,2 mg/kg
Anidride malejka ħielsa	inqas minn 0,1 %
Total ta' oligomeri (inqas minn 1 000 Dalton)	mhux iktar minn 50 mg/kg
Glikol etileniku	inqas minn 200 mg/kg
Glikol dietileniku	inqas minn 30 mg/kg
Monoetilen glikol metil etere	inqas minn 3 mg/kg
Dietilen glikol metil etere	inqas minn 4 mg/kg
Trietilen glikol metil etere	inqas minn 7 mg/kg
1,4-Dijoksan	inqas minn 2 mg/kg
Formaldeid	inqas minn 10 mg/kg